# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Gimgha 23 ta’ Marzu, 2001 .

### Citazzjoni numru : 160/00G1(PC)

**Bellusa Corporation Limited .**

**VS**

**Topserv Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta wara illi ppremettiet :**

**Illi s-socjeta’ konvenuta kienet tikri minghand is-socjeta’ attrici l-garage li jinsab fil-livell ta’ semi basement fi Triq Mons. Pietru Pace, u fl-ewwel sular fi Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, liema garaxx jinsab sovrappost ghal tlett garages u kamra wzata bhala ufficcju accessibbli minn Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, liema garage jikkonfina mit-tramuntana ma’ triq Gorg Borg Olivier, nofsinhar ma’ triq Mons. Pietru Pace, mill-punent ma’ beni ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta jew successuri taghha fit-titolu u mill-lvant ma’ beni ta’ Joseph Galea . U kienet tikri wkoll minn ghand l-istess socjeta’ attrici kamra wzata bhala ufficcju li tinsab sottoposta ghal parti mill-garaxx fuq imsemmi bil-bieb taghha fi triq Borg Olivier, Victoria, Ghawdex li tmiss mit-tramuntana mat-triq, mil-lvant u nofsinhar ma’ beni tas-socjeta’ attrici u mill-punent ma’ beni ta’ Joseph Galea .**

**Illi din il-kirja kienet regolata permezz ta’ skrittura tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Ottubru ta’ l-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) (dok. A) ;**

**Illi din il-kirja giet fi tmiemha nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru, tal-elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) u s-socjeta’ konvenuta infurmat lis-socjeta’ attrici li ma kenitx bi hsiebha**

**iggedded il-kirja . Fil-fatt is-socjeta' konvenuta ma baqghetx tuzgha dan il-fond ghal l-iskopijiet ta' negozju taghha .**

**Illi nonostante dan kollu, is-socjeta' konvenuta baqghet tokkupa l-fondi lokati u halliethom mimlijin bl-oggetti taghha, u fl-istess hin baqghet qatt ma kkonsenjat ic-cwievet lis-socjeta' attrici, li ghalhekk baqghet qatt ma regghet irriotteniet il-pussess tal-fond .**

**Illi s-socjeta konvenuta weghdet kemm-il darba illi ser tizgombra mill-fond, pero' baqghet qatt ma ghamlet dan, u s-socjeta' attrici giet ghalhekk (u ghadha) prekluza minn li tuzgha dan il-fond b'mod li jidhrilha xieraq .**

**Talbet sabiex l-istess Socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta ghandha tohrog mill-fondi lokati fuq imsemmija u konsegwentament tizgombra minnhom u tghaddi il-pussess tal-fondi lis-socjeta' attrici .**

2. **Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tizgombra minn dawn il-fondi .**

3. **Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas kumpens ghal l-okkupazzjoni ulterjuri taghha tal-fondi msemmija minn l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) sad-data li fiha s-socjeta' tottjeni l-kontroll pjen u effettiv ta' dawn il-fondi .**

4. **Tillikwida kumpens illi ghandu jkun dovut ghal din l-okkupazzjoni ulterjuri minn l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) sal-lum, u kumpens iehor li jkun pagabbli ghal kull jum li jiskorri mill-prezentata ta' din ic-citazzjoni sa dak il-jum li fih is-socjeta' tottjeni l-pussess tal-fondi msemmija .**

5. **Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dak il-kumpens likwidat fit-talba ta' qabel din .**

**Bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez kollha, nkluza VAT, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita f'Awissu 2000, u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta minn issa ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Mario Bugeja .**

**Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta illi ggib id-data tat-28 ta' Settembru, tas-sena elfejn (2000) .**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata seduta stante llum stess, li permezz taghha cediet il-mertu ta' din il-kawza stante pagament, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez .**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-avukat Dr. Kevin Mompalao ghan-nom tas-socjeta' attrici, jiddikjara illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghadhom ma thallsux mis-socjeta' konvenuta, minkejja li dawn hallsu il-mertu .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din ix-xhieda, u peress li jidhrilha illi it-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza dwar il-kap ta' l-ispejjez billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez ta' din il-kawza .**

**(ft) Paul Coppini .**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S16000Pc